MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tat-13 ta' April, 2007

Rikors Numru. 996/2006

**Wara l-mandat ta' inibizzjoni numru 739/2006 fl-ismijiet: -**

**Elton u Cheryl konjugi Penza ID 433278M u ID 485879M rispettivament**

**vs**

**Le Terrain Limited (C27922);**
**Terra Mediterranea Limited (C24152);**
**Tony Aquilina Limited (C12350);**
**Champs Mediterrain Limited (C31208); u**
**Madliena Developments Limited (C14478)**

Il-Qorti

Rat ir-rikors numru 996/06 tas-socjeta' Madliena Developments Limited fejn gie premess:

Illi fit-12 ta' Mejju 2006 l-intimati Elton u Cheryl konjugi Penza ipprezentaw Mandat ta' Inibizzjoni kontra s-socjeta' esponenti sabiex jikkawtelaw l-allegati drittijiet taghhom u zammew lis-socjeta' esponenti milli tqassam kwalunkwe dividend lil Raymond Aquilina u/jew lil martu Denise Aquilina, Raymond Aquilina bhala azzjonista fis-socjeta' ntimata u kif ukoll inibew lis-socjeta' esponenti milli jhallsu jew jghaddu lil Raymond Aquilina jew lil martu f' forma ta' salarju, onorarju, "allowance" jew kull forma ta' hlas iehor ammont in eccess tas-somma ta' tlett mitt liri maltin (LM 300) "in the aggregate" mis-socjeta' esponenti flimkien ai termini tal-Artikolu 382 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex kwalunkwe dividend u/jew salarju, onorarju jew hlas iehor jibqa' fl-imsemmija socjeta' a beneficcju tal-imsemmija Raymond Aquilina u martu;

Illi dan il-Mandat gie akkordat mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fuq livell ta' "prima facie" b' Digriet tas-16 ta' Mejju 2006 u debitament servut fuq il-konsulent legali tar-rikorrenti konjugi Penza (intimati f' din il-procedura) fit-18 ta' Mejju 2006 (Ara Dok "A" hawn unit);

Illi wara li l-imsemmi Mandat ta' Inibizzjoni gie akkordat minn dina l-Onorabbli Qorti u servut kif fuq inghad, l-intimat (rikorrenti fil-proceduri tal-Mandat ta' Inibizzjoni naqsu li jintavolaw il-kawza in sostenn tat-talba taghhom fiz-zmien stabbilit bil-ligi;

Ghalhekk is-socjketa rikorrenti talbet li dina l-Qorti joghgobha, in vista tal-premess u ghat-tenur ta' l-Artikolu 836(8)(a) tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12), tikkundanna lill-intimati Elton u Cheryl konjugi Penza ihallsu lis-socjeta' esponenti Le Terrain Limited dik is-somma li tistabilixxi dina l-istess Qorti bhala hlas ta' penali ta' mhux anqas minn hames mitt lira maltin (Lm500) u mhux izjed minn tlett elef lira maltin (Lm3000);

Bl-ispejjez u b' rizerva ta' kull azzjoni ohra spettanti lis-socjeta' esponenti senjatament dik ta' danni skond il-ligi;

Rat in-nota tal-intimati konjugi Penza fejn gie sottomess:-

Li b'din in-nota, ai termini tal-artiklu 836(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, qed jaghtu s-segwenti ragunijiet ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex tilqa t-talbiet taghhom kif dedotti fir-rikors taghhom tat-2 ta' Novembru 2006;

Illi l-esponenti konjugi Penza kienu sentejn ilu pprezentaw ic-citazzjoni taghhom u cioe citazz Nru 229/04 GC fil-kawza fl-ismijiet Elton Penza et vs Terra Mediterranea Limited et fejn tlabu ir-rexissjoni tal-att ta' trasferiment tal-find konjugali taghhom peress illi s-socjeta' Terra Mediterranea Limited li taghha huwa sole shareholder l-istess Raymond Aquilina kien bieghetilhom proprjeta li ma kienitx taghha u li minhabba tali huma kienu mitluba jizgumbraw minn darhom mis-sidien proprju tal-art li fuqha inbniet id-dar ta' residenza taghhom u cioe' il-Joint Office;

It-talba tal-esponenti konjugi Penza kienet saret ukoll fil-konfront ta' Raymond Aquilina u martu Denise f' isimhom proprju billi l-kaz in kwistjoni kien wiehed li kien jimmerita 'the lifting of the corporate veil' u dan ghar-ragunijiet imsemmija fic-citazzjoni;

Illi s-socjeta' Terra Mediterranea Limited m' ghandhiex assi biex jikkawtelaw it-telf li sofrew l-esponenti u qatt, in segwitu ghall-mandat ta' qbid u l-mandat ta' sekwestru li l-esponenti kienu ghamlu kontra taghha u kontra l-konjugi Aquilina, numru 792/04 u 793/04 rispettivament ma ddepozitaw jew b' xi mod ghamlu tajjeb ghas-somma indikata fil-mandat f' kaz ta' ezitu negattiv ghalihom fil-kawza fuq imsemmija;

Illi inoltre, bil-mandat ta' sekwestru fuq imsemmi, ma gew issekkwestrati l-ebda sommom stante li la s-socjeta Terra Mediterranea u l-anqas il-konjugi Aquilina ma kellhom flus il-Bank filwaqt li permezz tal-mandat ta' qbid fuq riferit inqabdu mobbli u vetturi li dwarhom sar attakk permezz ta' kawza ohra u cioe' bic-citazzjoni numru 387/04 RCP fl-ismijiet Tony Aquilina Limited et vs Elton Penza et fejn qed jigi allegat illi l-fost l-oggetti maqbuda, hemm

minnhom li ma jappartjenux lill-istess Terra Mediterranea Limited u/jew il-konjugi Aquilina personalment u qed jitolbu li dawn l-oggetti jigu mhassra minn fuq il-mandat biex anke mill-oggetti maqbuda gia kien ferm inqas mill-amont indikat bhala dovut fil-mandat ahseb u ara jekk jigu mnaqqsa l-ogetti mitluba li ghandhom valur ta' circa Lm25000;

Illi minhabba f'hekk l-esponenti kienu kostretti jitolbu l-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni fuq referrit sabiex, f'kaz ta' esitu favorevoli ghall-kawza taghhom kontra Terra Mediterranea Ltd u Raymond u Denise Aquilina personalment id-dividends u is-salarju il-fuq mis-somma ta' tlett mitt lira ikunu "imgemma" billi ma jithallux jghaddu f' idejn l-istess konjugi Aquilina u joghsfru kif ghosfru il-flus ta' Terra Mediterranea Ltd u tal-konjugi Aquilina personalment;

Altru allura illi l-esponenti ressqu t-talbiet taghhom in sostenn tal-hrug tal-mandat tal-inibizzjoni billi dik it-talba tressqet mas-sentejn ilu w il-kawza ghadha ghaddejja u sahansitra qieghdhu tinstemma quddiem din il-Qorti kif preseduta;

L-annimu tal-legislatur meta ikkreja l-procedura gdida taht l-Artikolu 836, Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta kien unikament sabiex persuna ma tithalhliex, b' kapricc, tivvanta pretenzjonijiet immaginarji kontra persuna ohra biex twegga b' mod avvusiv lil dik il-persuna billi tiehu azzjoni moghtija lilha bi dritt mill-istess ligi; inholqoet ghalhekk procedura sabiex min, b' qerq, jabbuza mid-drittijiet civili lilu moghti mil-ligi jista' jigi kkundannat ihallas penali wara l-Qorti tqies jekk l-azzjonijiet tieghu keinux tabilhaqq abbuziv u vessatorji;

Fil-kaz odjern huwa car illi s-socjeta' rikorrenti ma' soffriet u ma tista qatt issofri xi danni jew b' xi mod tigi affetwata negattivament bil-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni meritu ta' dawn il-proceduri. Stante li kull ma giet inibita taghmel l-imsemmija socjeta hu li tqassam divident lil-Raymond Aquilina li huwa azzjonista fl-istess socjeta', kif ukoll li tghaddilu slarju ta' izjed minn Lm300 fix-xahar, bl-istess

dividend u salarju ‘il fuq min Lm300 fix-xahar jibqghu ghand l-istess socjeta’, izda “imgemmghin favor Tony Aquilina Limited sabiex f’ kaz ta’ ezedu favorevoli ghall-esponenti fil-kawza promotorja dan l-ammont ikun jista’ jghamel tajjeb ghad-danni minnhom sofferti. L-unika persuna li giet milquta mill-imsemma mandat ta’ inibizzjoni huwa Raymond Aquilina u huwa biss, ghaliex kontra tieghu biss hemm kawza li ilna li nfethet mas-sentejt. Kontra s-socjeta rikorrenti la qatt saret kawza w qatt ma kien hemm raguni legali ghaliex ghanda ssir kawza;

Inoltre, il-penali msemmija fl-Artikolu 836 (8) ghandha tkun immposta biss meta min talab il-hrug tal-mandat ikun naqas li jressaq it-talba tieghu fuq il-meritu kontra minn ghandu jaghtih. L-esponenti din it-talba ressquha kontra Raymond Aquilina, azzjonista fil-kumpanija rikorrenti u din il-kawza ghada ghadejja quddiem din l-istess Qorti. Kontra s-socjeta rikorrenti ma ressqu l-ebda talba ghax m’ghandhom jiehdu xejn, minn ghandha;

Ghall dawn ir-ragunijiet u ohrajn li jisemmew, jekk ikun il-kaz waqt it-trattazzjoni ta’ dani r-rikors, it-talbiet kontenuti fir-rikors odjern ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-istess rikorrent;

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta’ Jannar 2007 minn fejn jirrizulta li l-partijiet ghamlu referenza ghat-trattazzjoni orali mghamula mid-difensuri tal-istess partijiet fil-kawza numru 994/06;

Rat l-atti l-ora kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza giet differita sabiex jinghata d-digriet finali;

Ikkonsidrat:

Is-socjeta rikorrenti Madliena Developments Limited fir-rikors promotur tghamel referenza ghal-mandat ta’ inibizzjoni li l-hrug tieghu gie ottjenut mill-intimati konjugi Penza fis-16 ta’ Mejju 2006. B’dan il-mandat is-socjeta rikorrenti giet mizmuma milli tqassam kwalunkwe dividend lill-azzjonista taghha Raymond Aquilina u lil martu Denise

Aquilina. Is-socjeta rikorrenti giet ukoll inibita milli tghaddi lill-istess Raymond Aquilina jew lill-imsemmija martu xi salarju, onorarju, “allowance” jew kull forma ta’ hlas iehor in eccess tas-somma ta’ tlett mitt liri maltin (Lm300). Is-socjeta rikorrenti tippremetti fir-rikors promotur taghha li l-imsemmija intimati konjugi Penza naqsu li jintavolaw il-kawza, in sostenn tal-pretensjonijiet taghhom kif dedotti fl-imsemmi mandat ta’ inibizzjoni, fiz-zmien lit trid il-ligi;
Ghalhekk is-socjeta rikorrenti qed titlob li, a tenur tal-artikolu 836(8)(a) tal-Kodici ta’ l-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12), l-intimati konjugi Penza jigu kundannati jhallsu lis-socjeta’ rikorrenti penali ta’ mhux anqas minn hames mitt lira maltin (Lm500) u mhux izjed minn tlett elef lira maltin (Lm3000);

L-intimati konjugi Penza fin-nota taghhom tal-15 ta’ Novembru 2006 issottomettew li huma kienu pprezentaw citazzjoni (numru 229/04GC) fl-ismijiet “Elton Penza et vs Terra Mediterranea Limited et” fejn huma talbu r-rexissjoni tal-att ta’ trasferiment tal-fond konjugali taghhom peress illi l-imsemmija socjeta’ Terra Mediterranea Limited kienet bieghetilhom proprjeta li ma kienitx taghha. Din it-talba kienet saret ukoll fil-konfront tal-imsemmi Raymond Aquilina u martu Denise. L-intimati konjugi Penza jkomplu jissottomettu li jidher li l-imsemmija socjeta’ Terra Mediterranea Limited u l-konjugi Aquilina m’ghandhomx assi biex jghamlu tajjeb ghat-telf u ghad-danni li allegatament sofrew l-intimati konjugi Penza u ghalhekk l-istess intimati kienu kostretti jitolbu l-hrug tal-mandat ta’ inibizzjoni in kwestjoni u dana sabiex id-dividends u is-salarju jkunu “imgemma” billi ma jithallux jghaddu f’idejn l-istess konjugi Aquilina. Ghalhekk l-intimati konjugi Penza jsostnu li huma gia ressqu t-talbiet taghhom in sostenn tal-hrug tal-mandat tal-inibizzjoni billi dik it-talba tressqet fl-imsemmija kawza li hi pendenti quddiem il-Qorti kompetenti. Skond l-intimati l-provedimenti tal-artikolu 836 invokati mis-socjeta rikorrenti huma intizi sabiex wiehed, b’kapricc ma jithalliex ivanta pretenzjonijiet immaginarji kontra xi hadd iehor b’mod li jwegga b’mod abusiv lil dak il-hadd iehor u dan billi tittiehed azzjoni skond il-ligi. Ghalhekk minn, b’qerq, jabbuza mid-drittijiet civili tieghu

jista’ jigi kkundannat ihallas penali jekk l-azzjonijiet tieghu jirrizultaw abbuzivi u vessatorji;

Skond l-intimati konjugi Penza s-socjeta’ rikorrenti ma’ soffrietx danni u ma gietx affetwata negattivament bil-hrug tal-mandat in kwestjoni. In effett kontra s-socjeta rikorrenti qatt ma saret kawza w ma hemmx raguni legali ghaliex ghanda ssir kawza. L-intimati ikomplu jissottomettu li l-penali in kwestjoni ghandha tigi biss immposta meta min talab il-hrug tal-mandat ikun naqas li jressaq it-talba tieghu fuq il-meritu kontra minn ghandu jaghtih. L-intimati in effett resqu tali talba kontra Raymond Aquilina, azzjonista tas-socjeta rikorrenti u din il-kawza ghada pendenti quddiem il-Qorti kompetenti. Kontra s-socjeta rikorrenti ma saritx kawza billi l-istess intimati m’ghandhom jiehdu xejn minn ghand l-istess socjeta rikorrenti. Skond l-intimati, ghal dawn ir-ragunijiet kollha, it-talbiet tas-socjeta rikorenti ghandhom jigu michuda;

L-intimati konjugi Penza stess jammettu li huma ma segwewx il-hrug tal-mandat ta’ inibizzjoni b’kawza u dana skond kif trid il-ligi. F’dan l-istadju ghandu ukoll jigi rilevat li ma kienx hemm ghalfejn li jigi ottjenut il-hrug tal-mandat ta’ inibizzjoni in kwestjoni. In effett l-istess intimati jammettu li huma ma kellhom ebda pretensjonijiet fil-konfront tas-socjeta rikorrenti mentri bil-hrug tal-istess mandat ta’ inibizzjoni l-intimati nvolvew is-socjeta rikorrenti li ma kellha x’taqsam xejn ghar-rigward tal-pretensjonijiet taghhom. Il-mandat ta’ inibizzjoni sar semplicement sabiex l-istess socjeta rikorrenti ma thallax ammonti li setghu kienu dovuti lill azzjonisti taghha u dan minhabba l-pretensjonijiet li l-intimati kellhom kontra l-istess azzjonisti. Semmai l-intimati kellhom jottjenu l-hrug ta’ mandat ta’ sekwestru u s-socjeta rikorrenti kellha tkun is-sekwestratarja. La darba, pero’, l-intimati ghazlu li jitolbu l-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni huma, skond il-ligi, kellhom jghamlu kawza kontra l-istess socjeta rikorrenti sabiex, jekk xejn, jikkonfermaw il-hrug tal-istess mandat ta’ inibizzjoni. Dan l-intimati konjugi Penza naqsu li jghamluh kif del resto jammettu huma stess;

L-intimati jghamlu referenza ghal kawza ohra li hi pendenti quddiem il-Qorti kompetenti. Din i-kawza qed issir kontra socjeta ohra (mhux dik rikorrenti) u kontra l-azzjonisti taghha u fejn qed tintalab ir-rexissjoni ta' att notarili. Ghalhekk is-socjeta rikorrenti ma ghandha x'taqsam xejn ma dawn il-proceduri l-ohra u ghalhekk ukoll ma jistax jinghad li l-intimati konjugi Penza kienu gia ressqu t-talbiet taghhom in sostenn tal-hrug tal-mandat tal-inibizzjoni;

Is-socjeta rikorrenti in sostenn tat-talbiet taghha odjerni tinvoka l-applikazzjoni tal-prvedimenti tal-artikolu 836(8)(a) tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12). Dan l-artikolu jipprovdi li minn ikun ottjena l-hrug ta' att kawteltorju jista jigi kundannat ihallas penali lill minn ikun issubixxa l-hrug tal-istess mandat kawtelatorju. Din il-penali ma tistax tkun inqas minn hames mitt liri maltin (Lm500) izda mhux aktar minn telett elef liri maltin (Lm3000) u dana jekk minn ottjena l-hrug tal-att kawtelatorju ma jkunx ghamel il-kawza dwar it-talba fiz-zmien li trid il-ligi;

Skond dawn il-provedimenti hu zgur li ma hemmx ghalfejn li qabel ma tigi imposta l-penali, l-ewwel irid jigi revokat il-mandat kawtelatorju in kwestjoni kif gie sottomess mill-istess intimati fit-trttazzjoni orali;

Sabiex tigi imposta din il-penali ma hemmx ghalfejn li s-socjeta rikorrenti tipprova li kien hemm qerq jew abbuz da parti tal-intimati jew li l-att in kwestjoni kien vessatorju, kif donnu qed jimplikaw l-intimati fin-nota taghhom. Ghandu biss jigi provat li l-att kawelatorju ma giex segwit b'kawza u wara skond il-cirkostanzi l-Qorti tista timponi l-penali;

In effett jirrizulta li s-socjeta rikorrenti ma sofriet l-ebda pregudizzju bil-hrug tal-mandat kawtelatorju in kwestjoni. Ma jirrizultax li l-istess socjeta rikorrenti giet milquta negattivament bil-hrug tal-istess mandat. Tant hu hekk li l-istess socjeta rikorrenti lanqas biss ittantat tirrevoka l-istess att kawtelatrorju kif kellha d-dritt li tghamel. F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hi tal-opinjoni li f'dan il-kaz m'ghandiex tigi imposta l-penali in kwestjoni;

Ghal dawn il-motivi kollha:

Tiddeciedi dwar it-talbiet tas-socjeta rikorrenti kif kontenuti fir-rikors promotur billi tichad l-istess talbiet;

In vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------